A.L. 67 ta' l-1989

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-1989 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini (Ordni Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali għamel dan l-Ordni li ġej:—

Titolu

1. Dan l-Ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini (Ordni Nru. 2) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni dwar il-Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini pubblikat fil-Gazzetta fit-23 ta' Settembru, 1955, u hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

Jirrevoka l-A.L. 1 ta' l-1989

2. L-Ordni ta' l-1989 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini huwa b'dan revokat.

Jemenda l-paragrafu 2 ta' l-ordni prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu 2 ta' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"2. Il-Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini jopera għall-impjegati li jaħdmu f'lukandi, *guest houses*, kumplessi għall-btala jew villaġġi turistiċi, appartamenti għall-btala li jkollhom liċenza, każini, ħwienet tal-kafè, *bars* u restoranti.".